




Il-Kummissjoni
Ewropea

LEJN POLITIKI TA' TAGĦLIM GĦALL-ADULTI AKTAR EFFETTIVI

GĦAJNUNA LILL-ADULTI SABIEX JIŻVILUPPAW L-GĦARFIEN U L-ĦILJET LI JEĦTIEĠU



L-ISFIDA TAT-TAGĦLIM GĦALL-ADULTI



Sabiex persuna tirnexxi f'dinja li l-ħin kollu tinbidel, teħtieġ firxa wiesgħa ta' għarfien u ħiliet — u li tibqa' tiżviluppahom matul il-ħajja. Dan huwa l-messaġġ ewlieni tal-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa [ara l-kaxxa]. Mingħajr il-ħiliet ix-xierqa, ħafna jsibu ruħhom jaħdmu f'impjiegi ta' kwalità baxxa, qiegħda jew mhux kwalifikati għal ġenerazzjoni ġdida ta' opportunitajiet ta' impjiegi. Mingħajr litteriżmu, numeriżmu u ħiliet diġitali bażiċi, il-ħajja ta' kuljum tista' tkun sfida.

L-isfida — stabbilita fl-Aġenda Ewropea għat-Tagħlim għall-Adulti [ara l-kaxxa] — hija sabiex tkegħġeg aktar adulti jerġgħu jmorru lura għat-tagħlim. Sabiex jilħqu dan l-għan, l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri adottaw firxa wiesgħa ta' strateġiji u inizjattivi politiċi mmirati lejn it-titjib tad-disponibbiltà u l-kwalità, il-kwantità u l-aċċessibbiltà ġenerali ta' opportunitajiet ta' tagħlim għall-adulti. Barra minn hekk, qegħdin jittieħdu passi sabiex jżieded it-teħid ta' dawn l-opportunitajiet permezz ta' strateġiji effettivi ta' sensibilizzazzjoni, gwida u motivazzjoni li jimmiraw lejn il-gruppi li għandhom l-akbar ħtieġa.

Madankollu, minkejja dawn l-isforzi, l-istatistika turi li:

- wieħed minn kull 10 adulti Ewropej biss jieħu sehem f'xi forma ta' edukazzjoni jew taħriġ
- aktar minn kwart tal-adulti kollha m'għandhomx il-litteriżmu, in-numeriżmu u l-ħiliet diġitali bażiċi li jeħtieġu ħafna mill-impjiegi tal-lum.

Allura kif jistgħu jsiru aktar effettivi l-politiki u l-forniment tat-tagħlim għall-adulti?

NIFHMU L-ISFIDA

Studju kkummissjonat riċentament mill-Kummissjoni Ewropea, "Analiżi fil-fond dwar il-politiki tat-tagħlim għall-adulti u l-effettività tagħhom fl-Ewropa", irreveda l-evidenza disponibbli. Dan jikkonferma li għalkemm it-tagħlim għall-adulti jgħib benefiċċji ekonomiċi u soċjali sinifikanti lill-individwi, lill-kumpaniji u lis-soċjetà inġenerali, huma verament ftit l-adulti Ewropej li jaċċessaw dawn l-opportunitajiet.

L-istudju jenfasizza l-mezzi sabiex il-politiki jsiru aktar effettivi, b'hekk tiżieded il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim. Abbażi tas-sejbiet tiegħu, l-istudju jidentifika sitt fatti kruċjali għaż-żieda fil-parteċipazzjoni tat-tagħlim għall-adulti u opportunitajiet ta' żvilupp tal-ħiliet.

SITT PASSI LEJN POLITIKI TA' TAGĦLIM GĦALL-ADULTI AKTAR EFFETTIVI

1 ŻIEDA TAR-RIEDA TAL-ADULTI SABIEX JIPPARTEĊIPAW FLIMKIEN MAL-ATTITUDNIJET POŻITTIVI TAGĦHOM LEJN IT-TAGĦLIM

Il-parteċipazzjoni u ż-żamma huma dipendenti fuq il-fatt li t-tagħlim għall-adulti jkollu reputazzjoni pożittiva u fuq studenti individwali li jkunu disposti lejha. Sabiex jiżguraw li dan huwa l-każ, l-Istati Membri jistgħu jaħdmu ma' sħab soċjali u partijiet interessati oħrajn għas-sensibilizzazzjoni dwar il-ħafna beneficiċċji tat-tagħlim għall-adulti, sabiex jintlaħqu l-adulti li l-aktar jibbenefikaw minnu, u jiġu pprovduti b'informazzjoni u gwida mfassla.

2 ĦEĠĠA TAL-INVESTIMENT TA' MIN IĦADDEM FIT-TAGĦLIM GĦALL-ADULTI

Hekk kif ir-rekwiżiti tax-xogħol jevolvu, il-ħaddiema għandhom jiżviluppaw il-ħiliet u t-talenti eżistenti tagħhom — flimkien mal-ilħuq ta' ħiliet u talenti ġodda. Għal din ir-raġuni, l-iżvilupp professjonali u t-taħriġ relatat max-xogħol huma fatturi ewlenin li jistgħu jimmotivaw lill-adulti sabiex imorru lura għat-tagħlim. L-iżgurar li min iħaddem jinvesti fit-tagħlim għall-adulti huwa essenzjali għaż-żieda kemm tal-firxa tal-opportunitajiet disponibbli kif ukoll tan-numru ta' impjegati li qed jieħdu sehem fit-tagħlim.

3 TITJIB TAL-AĊĊESS GĦAT-TAGĦLIM GĦAL GRUPPI ŻVANTAĠĠATI U LI JSIBUHA DIFFIĊLI SABIEX JIEĦDU SEHEM

Hemm diversi tipi ta' studenti adulti b'ħafna ħtiġijiet ta' tagħlim differenti. M'hemmx soluzzjoni waħda għal kulħadd: il-politiki għandhom jinkorporaw programmi mfassla għal kulħadd u jkunu flessibbli biżżejjed sabiex jirrispondu għal kull ħtieġa u motivazzjoni tat-tagħlim tal-individwu — inkluż żvilupp ta' ħiliet bażiċi għal studenti b'ħiliet baxxi. Sabiex jintlaħaq dan, hija rrakkomandata l-formazzjoni ta' sħubiji ma' organizzazzjonijiet intermedji bħal gruppi komunitarji u trade unions.

4 TITJIB TAR-RELEVANZA TAT-TAGĦLIM GĦALL-ADULTI GĦAL KULL MIN HU INVOLUT

Meta l-edukazzjoni u l-opportunitajiet ta' taħriġ jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-motivazzjonijiet speċifiċi kemm tal-istudent kif ukoll ta' min iħaddem, mhux biss tiddied il-parteċipazzjoni, iżda r-riżultat aħħari huwa aħjar ukoll: li jfisser ħiliet ogħla, aċċess għal impjiegi aħjar u riżultati soċjali mtejba. Għal din ir-raġuni, il-politiki u l-forniment tat-tagħlim għall-adulti għandhom ikunu mfassla b'mod li jirrispondu għall-ħtiġijiet ta' gruppi ta' utenti differenti.

5 ŻGURAR TAL-KWALITÀ TAL-OPPURTUNITAJIET TAT-TAGĦLIM GĦALL-ADULTI

Huwa importanti li l-forniment ta' tagħlim għall-adulti jkun ta' kwalità għolja, kemm sabiex jiġu żgurati riżultati pożittivi għall-istudenti kif ukoll għal min iħaddem u għall-komunità, u sabiex isir l-aktar użu effettiv tal-investment pubbliku.

6 KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA TAT-TAGĦLIM GĦALL-ADULTI FIL-LIVELLI NAZZJONALI, REĠJONALI U LOKALI

Għal suċċess massimu tal-politika, hemm il-ħtieġa ta' koordinazzjoni effettiva tal-inizjattivi differenti li jseħħu fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, u l-kollaborazzjoni effettiva tal-istituzzjonijiet, tal-organizzazzjonijiet u tal-partijiet interessati differenti.

GĦODDA GĦAT-TITJIB TAL-POLITIKA TAT-TAGĦLIM GĦALL-ADULTI


Dawn is-sitt fatturi għas-suċċess huma fil-qalba ta' għodda tal-analiżi ta' politika għodda maħluqa għall-użu minn dawk kollha involuti fil-politika tat-tagħlim għall-adulti.

Sejba ewlenija tal-istudju hija li qabel ma tkun tista' tiġi raffinata politika sabiex tikseb l-għanijiet tagħha aħjar, dawk li jfasslu l-politika l-ewwel jeħtieġu fehim aktar ċar dwar il-prestazzjoni ta' approċċi differenti tal-politika. Din teħtieġ għir aktar sistematiku ta' dejta u approċċ aktar rigoruż għall-monitoraġġ tal-politika. L-għodda l-għodda għandha l-għan li tgħin lil dawk li jfasslu l-politika b'dawn iż-żewġ kompiti.

L-għodda fiha żewġ elementi ewlenin. L-ewwel hemm qafas analitiku [ara l-kaxxa] sabiex jassisti lil dawk li jfasslu l-politika fit-tfassil u fl-evalwazzjoni tal-politiki tat-tagħlim għall-adulti. It-tieni hemm sett ta' indikaturi li jgħinu fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-politika, fl-evalwazzjoni tal-impatt tal-politika, u fit-tqabbil ta' dawn is-sejbiet ma' dawk minn Stati Membri oħra.

Verżjoni interattiva online ta' din il-verżjoni hija disponibbli fuq is-sit elettroniku ta' EPALE
<https://ec.europa.eu/epale/mt/policy-tool>

QAFAS GĦALL-ANALIŻI TAL-POLITIKI TAT-TAGĦLIM GĦALL-ADULTI





AKTAR INFORMAZZJONI

L-istudju appoġġjat mill-Kummissjoni Ewropea "Analiżi fil-fond dwar il-politiki tat-tagħlim għall-adulti u l-effettività tagħhom fl-Ewropa" jipprova li jkollha għaliha ta' riċerka eżistenti dwar politiki ta' tagħlim għall-adulti sabiex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea għat-Tagħlim għall-Adulti. Dan seħħ f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Ħidma ta' Edukazzjoni u Taħriġ 2020 ta' esperti nazzjonali dwar it-tagħlim għall-adulti.

L-istudju jista' jinstab hawnhekk:

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=mt&pubId=7851&type=2&furtherPubs=yes>

L-AĠENDA EWROPEA GĦAT-TAGĦLIM GĦALL-ADULTI

Fil-2011, l-UE adottat l-Aġenda Ewropea għat-Tagħlim għall-Adulti. L-għan ta' din l-inizjattiva ta' kooperazzjoni ta' politika Ewropea hija li l-Istati Membri jippermettu u jħeġġu lill-adulti sabiex jiżviluppaw u jtejbu l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom f'kull stadju ta' ħajjithom.

Fil-qalba ta' din il-politika hemm fehim li t-tagħlim matul il-ħajja adulta huwa parti vitali tal-mogħdija tat-tagħlim tul il-ħajja. It-tagħlim għall-adulti huwa definit bħala edukazzjoni jew taħriġ ġenerali jew vokazzjonali, kemm jekk formali, informali jew mhux formali, li jseħħ wara t-tlestija tal-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali.

Il-politika tidentifika għadd ta' prijoritajiet Ewropej kondiviżi sabiex il-kwalità titjeb b'mod sinifikanti u sabiex jiżjed in-numru ta' opportunitajiet ta' tagħlim disponibbli sal-2020. Fost dawn hemm enfasi ġdida fuq l-iżvilupp tal-ħiliet bażiċi tal-adulti.

L-AĠENDA ĠDIDA GĦALL-ĦILJET GĦALL-EWROPA

L-isfida tat-tagħlim għall-adulti hija waħda mid-diversi sfidi ta' ħiliet li taffaċċja l-UE. Sabiex jiġi ottimizzat il-kapital uman tal-Ewropa, tingħata spinta lill-impjegabbiltà u tiżdied il-kompetittività, l-Aġenda Ġdida għall-Ħiljet għall-Ewropa 2016 tistieden lill-Istati Membri, lis-sħab soċjali, lill-industrija u lill-partijiet interessati oħrajn sabiex jikkollaboraw għat-titjeb tal-kwalità u tar-relevanza tal-formazzjoni tal-ħiliet, sabiex il-ħiliet isiru aktar viżibbli u komparabbli u għat-titjeb tal-intelliġenza fil-ħiliet u fl-informazzjoni għal għażliet aħjar tal-karriera.

L-għajjnuna għall-adulti bi kwalifiki baxxi u b'ħiliet baxxi huwa għan ewlieni. L-Aġenda għall-Ħiljet tipproponi t-twaqqif ta' Garanzija għall-Ħiljet għall-64 miljun adult fl-Ewropa li ma komplew l-edukazzjoni sekondarja tagħhom. L-għan huwa sabiex jiġu megħjunin jiksbu livell minimu ta' litteriżmu, numeriżmu u ħiliet diġitali u/jew sabiex jimxu lejn kwalifika sekondarja għolja jew ekwivalenti. Il-parteċipanti jibdew billi jagħmlu valutazzjoni tal-ħiliet sabiex jidentifikaw il-ħiliet tagħhom u kwalunkwe nuqqas fil-ħiliet, ikollhom pakkett ta' tagħlim imfassal għal ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, u l-validazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħiliet li kisbu.

